B 2795

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,564, 26 ta' Diċembru, 2025

Taqsima B

A.L. 298 tal-2025

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 65.18.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "pajjiż terz" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "perjodu ta' rinunzja" tfisser il-perjodu stabbilit taħt kwalunkwe skema li tista' tinħareġ mill-Awtorità minn żmien għal żmien li matulu d-detentur ta' liċenzja tas-sewqan valida għandu jkun ipprojbit milli jsuq kwalunkwe vettura f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor wara r-rinunzja tal-liċenzja tas-sewqan, liema perjodu għandu jiġi kkalkolat mid-data tar-rinunzja tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu;";

(b) minnufih wara t-tifsira "residenza normali" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "rinunzja ta' liċenzja tas-sewqan" tfisser id-deċiżjoni volontarja minn detentur ta' liċenzja tas-sewqan valida li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Awtorità skont skema li tista' tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien, li jirritorna tali liċenzja tas-sewqan lill-Awtorità u li jobbliga ruħu li ma jitlobx il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida għal tali perjodu li jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità skont tali skema;".

B 2796

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 34 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu miżjuda r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Rinunzja ta' liċenzja tas-sewqan.

34A. (1) Detentur ta' liċenzja tas-sewqan valida li jissodisfa l-kriterji għar-rinunzja ta' liċenzja tas-sewqan kif jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità taħt kwalunkwe skema li tista' tinħareġ minn żmien għal żmien jista' jirritorna l-liċenzja tas-sewqan tiegħu lill-Awtorità u jobbliga ruħu li ma jitlobx il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida favur tiegħu qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' rinunzja.

(2) Kull applikazzjoni għar-rinunzja ta' liċenzja tas-sewqan valida għandha ssir lill-Awtorità fuq il-formola preskritta u l-applikant għandu, flimkien ma' tali formola, jissottometti tali dokumenti li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex juru li l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

(3) Applikazzjoni għar-rinunzja ta' liċenzja tas-sewqan għandha tiġi pproċessata u deċiża mill-Awtorità.

(4) Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tintbagħat lill-applikant permezz ta' posta reġistrata fl-indirizz indikat fl-applikazzjoni.

(5) Meta applikazzjoni tiġi aċċettata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkun obbligat li jirritorna lill-Awtorità d-dokumenti msemmija fir-regolament 36(1) mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem mid-data li fiha d-deċiżjoni tal-Awtorità tiġi kkomunikata lilu bil-mod speċifikat fis-subregolament (4).

(6) Applikant li l-applikazzjoni tiegħu għar-rinunzja ta' liċenzja tas-sewqan tiġi aċċettata mill-Awtorità ma għandux ikollu d-dritt isuq kwalunkwe vettura, kemm f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor, matul il-perjodu ta' rinunzja.

(7) Wara t-tmiem tal-perjodu ta' rinunzja, persuna li tkun irrinunzjat il-liċenzja tas-sewqan tagħha tista' titlob il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida favur tagħha mingħajr il-ħtieġa li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament 16:

Iżda tali persuna għandha tkun obbligata tattendi numru ta' sigħat ta' tagħlim tas-sewqan, kif jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità minn żmien għal żmien, fi skola tas-sewqan liċenzjata u tipprovdi evidenza dokumentarja ta' tali attendenza lill-Awtorità qabel ma tinħariġilha liċenzja tas-sewqan ġdida.

Permessi tas-sewwieqa.

34B. (1) Malli tiġi rinunzjata liċenzja tas-sewqan valida, kwalunkwe permess tas-sewwieq maħruġ lil tali persuna sabiex issuq taxi, vettura tat-trasport pubbliku ta' passiġġieri, vettura żgħira għat-trasport ta' passiġġieri u, jew kwalunkwe vettura oħra li tista' tinstaq biss b'liċenzja tas-sewqan valida, għandu jiġi revokat awtomatikament u tali persuna ma għandhiex jkollha d-dritt tuża tali permessi tas-sewwieq matul il-perjodu ta' rinunzja.

(2) Fejn detentur ta' liċenzja tas-sewqan li jiddeċiedi li jirrinunzja għal-liċenzja tas-sewqan tiegħu jkollu wkoll permess tas-sewwieq maħruġ mill-Awtorità sabiex isuq kwalunkwe kategorija partikolari ta' vetturi, tali persuna għandha, flimkien mal-applikazzjoni li għandha tiġi sottomessa fuq il-formola preskritta u r-ritorn lill-Awtorità tad-dokumenti msemmija fir-regolament 36(1), għandha tirritorna wkoll lill-Awtorità t-tags kollha tas-sewwieq fil-pussess tiegħu.

(3) Wara t-tmiem tal-perjodu ta' rinunzja u l-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida skont ir-regolament 34A(7), persuna li tkun irrinunzjat ukoll għal permess tas-sewwieq għandha tkun obbligata li tapplika mal-Awtorità fuq il-formola preskritta u soġġetta għall-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għall-ħruġ ta' permess ta' sewwieq ġdid.

(4) Wara li tiġi sottomessa tali applikazzjoni, l-Awtorità għandha toħroġ permess ta' sewwieq ġdid lill-applikant unikament wara li tivverifika u tikkonferma li l-applikant għadu jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, inkluż ir-rekwiżit ta' kondotta u reputazzjoni tajba, sabiex il-permess tas-sewwieq jerġa' jinħareġ favur tali persuna.".